# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 30 ta' Ottubru 2015**

**Numru**
**Rikors numru 139/2006 PC**

**Nicolina Debrincat; Michelangelo Debrincat f'isem Clementina Azzopardi; Frankline Zammit u Mary Anne Caruana, Anton Zammit, Giovanni Zammit, Maria Attard, Joseph Morana, Anton Morana, Lilian Zammit, tant f'isimha kif ukoll f'isem hutha Alexander Morana, Margaret Morana, Lorna Grant, Mary Rose Simpkins u Doris Trotz; Joseph Sultana, Lorenza Zammit tant f'isimha kif ukoll f'isem Joseph Mangion, Maria Anne Schembri tant f'isimha kif ukoll f'isem hutha Mario Mangion, Salvino Mangion, Agnes sive Inez Camilleri, Marlene Tabone u Josephine Xuereb; l-Avukat Victor Bajada, u Francis Bajada; Martina Xuereb tant f'isimha kif ukoll f'isem hutha Angelo Bajada, Joseph Bajada, u Paul Bajada; Raymond Bajada tant f'ismu kif ukoll f'isem ommu Josephine Bajada u f'isem hutu Joseph Bajada u Victor Bajada; Joseph Attard u Mario Attard; Vincenza Vella tant f'isimha kif ukoll f'isem hutha Maria Vella, Caterina Vella, Antonia Vella, Joseph Vella u Salvu Vella; Maria Agnes Cauchi; Carmela Gauci tant f'isimha kif ukoll bhala mandatarja ta' huha Paul Gauci; Frank Debono; Pawlu Ciantar; Emanuel Grech tant f'ismu kif ukoll f'isem hutu Carmela Grech u Maria Cauchi; Frances Azzopardi tant f'isimha kif ukoll f'isem**

**hutha Francis Azzopardi, John Azzopardi, Joseph Azzopardi, Bernarda Azzopardi, Carmela Camilleri u Salvina Spiteri; Maria Muscat; Andrew Xuereb, Carmel Xuereb, Joseph Xuereb, Emanuela Galea tant f'isimha kif ukoll f'isem hutha John Xuereb, u Mary Anne Schembri; Emanuel Xuereb, Thaddeus sive Teddie Xuereb u Mary Carmen sive Mary Attard u Josephine Grech; Cristina Buttigieg, tant f'isimha kif ukoll f'isem hutha Anthony Xuereb, Carmel Xuereb, George Xuereb, John Xuereb u Paul Xuereb, Maria Xuereb f'isem Michael Xuereb; Carmen Mercieca tant f'isimha kif ukoll f'isem ommha Paola Xuereb u hutha John Xuereb u Josephine Cachia; Maria Muscat; Michael Xuereb, tant f'simu kif ukoll f'isem hutu Dun Gwann Xuereb, Emanuel Xuereb, Rita Xuereb, Teodora Azzopardi u Maria Attard; Carmen Xuereb, tant f'isimha kif ukoll f'isem uliedha Tabib John Xuereb, Tabiba Mariosa Xuereb u Giorgia sive Gina Camilleri; Joseph Azzopardi; Rev Fr Richard Stanley Grech OFM, tant f'ismu kif ukoll f'isem hutu Josephine sive Josette Cauchi Garcia, Gilbert Lawrence Grech, Paul Joseph Grech, Alice Cauchi u Patricia Magro; Evelyn Xuereb, Jean Paul Xuereb, Jesmond Xuereb, Joseph Xuereb, Loreto Xuereb u Maria Pirrone; Jane Margaret sive Jane Xuereb f'isem Martin Xuereb; Joseph Cauchi; Anthony Camilleri, Lawrence Camilleri; Bernardette Farrugia bhala mandatarja ta' Susann Calleja; Raymond Galea, tant f'ismu kif ukoll f'isem hutu David Galea, Henry Galea, Maria Anna sive Miriam Formosa, Maria Michelina sive Lina Scorfna, Carmen Vella u Theresa sive Tessie Sammut; Joseph Cauchi; Lawrence Joseph Grech tant f'ismu kif ukoll f'isem Mary Grace Naudi, John Cremona u Peter Cremona; Maria Carmela sive Marlene Bonello, tant f'isimha kif ukoll f'isem hutha Anthony Grech, John Grech, Paul Grech, Raymond Grech u Agnes Formosa; Aldo Borg, tant f'ismu kif ukoll f'isem hutu Charles Borg, Carmelina sive Lina Sant, Josephine sive Joyce Vella u Marika Debono; Edmea Debattista; Charles Grech Orr, tant f'ismu kif ukoll f'isem hutu Frances Mercieca, Terry Preca u Evelyn sive Vivienne Grech Sant; Joseph Xuereb, tant f'ismu kif ukoll f'isem hutu Anthony Xuereb, Emanuel Xuereb, Loreto Xuereb, Saviour Xuereb, Rita Gatt u Salvina Xuereb; Theresa Grima; Rose Refalo f'isem ommha Loreta Axiaq; Loreto Attard f'isem ommu Maria Attard; Francis Haber**

**u Maria Giovanna Apap; Rita Haber, tant f'isimha kif ukoll f'isem hutha John Haber, Philip Haber, Carmela Grima, Pawla Refalo u Salvina Cefai; Maria Borg, Winifred Tabone u Pauline Zammit; John Bezzina, tant f'ismu kif ukoll f'isem Lucia Guerino, Edwina Owens, Kim Caia u Patricia Mathysen; John Haber, tant f'ismu kif ukoll f'isem hutu Joseph Haber, Paul Haber, Mary Attard, Mary Anne sive Anne Grech, Lucy Mizzi, Mary Dolores sive Doreen Said, Alesandra Xuereb, George Haber, Giuda Taddew sive Teddy Haber, Mario Haber, u Maria Carmela sive Lina Camilleri; Rose Caruana u Francesca Galea; Michelina Grech, tant f'isimha kif ukoll bhala mandatarja ta' uliedha Claudia Vella u Joseph Grech; Flavia Cassar; Natalina Vella; Joe Zammit Ciantar; George Vella Muskat f'isem Amy Xuereb, Evelyn Xuereb, Gladys Sammut, Mario Xuereb, Carmel Xuereb, Yvonne Vella Muskat, Georgette Gatt; Giorgia Xuereb, Andrew Xuereb, Carmel Xuereb, Christopher Xuereb, Edward Xuereb, Francis Xuereb, John Xuereb, Joseph Mary Xuereb, Paul Xuereb, Victor Xuereb, Joanne Xuereb, Maria Rosa Xuereb; James Cremona u bhala mandatarju ta' Clare Grima, Rose Bartolo, Mary Anne Bartolo, u ta’ l-imsefrin Robert Caruana, Constance Radmill, Paul Caruana, Philip Caruana, Christopher Caruana, William Caruana, Virginia Caruana, Roberta D'Orio, Barbara Santurio, Joseph Bartolo, Raymond Bartolo, Lilian Mizzi, Doreen Caruana, Ann Caruana, Esther Davis**

***v.***

**Sally Thomson mart Robert Thomson, Maria Ciantar armla ta' Joseph Ciantar, Joseph Ciantar, Michelangelo Ciantar, Saviour Ciantar, Mikelina Ciantar, Loreta Azzopardi, Gracie Farrugia, Carmela Grima, Caterina Grima; Emanuela sive Maggie Mercieca; Ivan Grech; Joseph-John Grech, Norman Grech, Edmea Vella Galea; Josephine sive Josette Hamilton mart Norman Hamilton; Nazzareno Haber, Vincent Haber; Lawrence Zammit; Claudio Zammit; Patrizia-Josephine sive Patricia Zammit; Vanessa Agius; Anthony Haber; Chantelle Haber; Moira Haber; Stephania Mallia; Catherine Haber; Joseph Haber; Noel Haber; Paul Haber; Raymond Haber; Rita Farrugia; Jane Gauci; Rosanne Triganza; Antonia Haber; Emanuel Haber; Josef Haber; Marlene Haber; Joseph Schembri; Alexander Schembri; Louise Cachia**

**mart Charles Cachia u b'digriet tat-13 ta' Frar, 2007, l-avukat Dottor Chris Said gie nominat bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-imsefrin Alfred Haber, Francesco Saverio sive Francis Haber, Maria Victoria sive Victoria Fuentes mart Willie Fuentes, Anthony Haber, Donna Haber, Georgina Haber, Joanna Zielinski, Helen Voti Charles Grech, Joseph Grech (mejjet) jew uliedu; Rita armla ta' Carmelo Grech, Anthony Grech, Francis sive Frank Grech, Joseph Grech, Loreto Grech, Saviour sive Sam Grech, Alfonza sive Alphonsina mart Victor Galea u Manuela sive Emanuela mart Joseph Mercieca**

1. Dan huwa appell tar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex) [ir-Reġistratur], minn dikriet mogħti fl-1 ta' Lulju 2011 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fuq rikors biex jiġu taxxati mill-ġdid spejjeż ġudizzjarji taħt l-art. 64 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. B'rikors magħmul taħt l-art. 495A tal-Kodiċi Ċivili ntalbet l-awtor-izzazzjoni tal-qorti għall-bejgħ ta proprjetà komuni minkejja n-nuqqas ta' kunsens tal-komproprjetarji kollha. Is-sehem ta' dawk il-komproprjetarji illi, meta sar ir-rikors, ma kinux taw il-kunsens tagħhom tal-bejgħ kien ta' sebgħa punt deċimali żero wieħed fil-mija (7.01%) mill-intier, għalkemm waqt is-smigħ tal-kawża wħud minn dawk il-komproprjetarji taw il-kunsens tagħhom. B'sentenza tad-19 ta' Ġunju 2007 l-ewwel qorti tat l-awtorizzazzjoni biex isir il-bejgħ tal-proprjetà komuni bil-prezz ta' mitejn elf lira ta' Malta (Lm200,000), daqs erba' mija u ħamsa u

sittin elf, tmien mija u erbgħa u sebgħin euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€465,874.68).

3. Fis-7 ta' Awissu 2007, imbagħad, ir-Registratur intaxxa l-ispejjeż ġudizzjarji fis-somma ta' ħamest elef, ħames mija u tmien liri ta' Malta u tlieta u erbgħin ċenteżmu (Lm5,508.43) b'kollox.

4. B'rikors tal-20 ta' Settembru 2007 magħmul taħt l-art. 64 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, George Vella Muscat ["ir-Rikorrent"], wieħed mill-atturi li kienu ippreżentaw ir-rikors oriġinali taħt l-art. 495A, talab illi l-ispejjeż jiġu intaxxati mill-ġdid billi "l-kontestazzjoni u l-meritu kien jirrigwarda biss sebgħa punt żero wieħed fil-mija (7.01%) tal-istess proprjetà li fil-mori tar-rikors ġie ridott aktar għal żero punt wieħed sebgħa fil-mija (0.17%)". Ir-reġistratur wieġeb fit-23 ta' Novembru 2007 u oppona għat-talba kemm (i) għax l-ewwel qorti hija inkompetenti *ratione valoris* u (ii) għax ir-rikors tal-20 ta' Settembru 2007 sar wara li għadda ż-żmien mogħti għalhekk fl-art. 64 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u kif ukoll, fil-meritu, (iii) għax dak li ntalab fil-kawża kien l-approvazzjoni tal-"bejgħ propost" tal-proprjetà kollha bil-prezz ta' mitejn elf lira ta' Malta (Lm200,000).

5. Bid-dikriet tal-1 ta' Lulju 2011 li minnu sar dan l-appell l-ewwel qorti laqgħet it-talba u ordnat illi l-ispejjż ġudizzjarji jiġu intaxxati mill-ġdid "din id-darba a bażi ta' valur ta' żero punt deċimali

wieħed sebgħa fil-mija (0.17%) mill-valur totali ta' mitejn elf lira maltija (Lm200,000)". Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti biex tilqa' t-talba fil-meritu (wara li ċaħdet l-eċċezzjonijiet proċedurali) ġew minnha mfissra hekk:

> "… … … permezz ta' dan ir-rikors qed tiġi kontestata t-taxxa maħduma mir-Reġistratur dwar id-drittijiet u spejjeż tal-kawża hawn fuq indikata, u dan għar-raġuni li din inħadmet fuq il-valur sħiħ tal-proprjetà in diviżjoni [*sic*] u mhux biss fuq il-valur tal-isħma tal-intimati mill-istess proprjetà.
>
> "… … …
>
> "Fil-mertu … … … ir-Registratur tissottometti illi l-kontestazzjoni kienet tirrigwarda proprjetà li l-valur tagħha kien ilaħħaq il-mitejn elf lira maltija (Lm200,000) u għalhekk kienet korretta meta ntaxxat il-kawża *ad valorem* fuq dan l-ammont. Imma wieħed ma jridx jinsa illi din il-kawża saret taħt il-proċedura speċjali kontemplata fl-artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili, fejn l-atturi jitolbu lill-qorti tapprova l-bejgħ ta' xi beni immobbli possedut in komun għal iżjed minn għaxar snin, minkejja li ma jkunx inkiseb il-kunsens ta' minoranza mill-komproprjetarji, u hija intiża biex tiffaċilita l-bejgħ ta' proprjetà posseduta in komun, meta jkun diffiċli li tinkiseb l-approvazzoni tal-kompropjetarji kollha, speċjalment jekk dawn ikunu numerużi ħafna, bħal ma kelna hawnhekk. Fil-każ tagħna dawn kienu jippossjedu biss 0.17% mill-fond in vendita, u kienu biss jew werrieta mhux magħrufa jew inkella msefrin. Ma jagħmilx sens għalhekk li t-taxxa tinħadem fuq il-valur kollu ta' din il-proprjetà, bil-konsegenza illi jista' jirriżulta li xi komproprjetaji, tenut kont tas-sehem tant zgħir tagħhom minn din il-proprjetà jispiċċaw jitnaqqsilhom ammont sostanzjali mir-rikavat li jkun imisshom, u ma jieħdu kważi xejn, meta ma kinux jaħtu għas-sitwazzjoni li wasslithom biex jintavolaw din il-proċedura speċjali taħt l-artikolu 469A tal-Kap.16."

6. Ir-Reġistratur appella minn din id-deċiżjoni b'rikors tal-21 ta' Lulju 2011 li għalih l-atturi wieġbu fis-16 ta' Awissu 2011. L-aggravji tar-Reġistratur huma tlieta: l-ewwel aggravju huwa illi l-ewwel qorti "issorprendietu" meta fit-30 ta' Ġunju 2011 iddifferiet il-kawża għall-għada, l-1 ta' Lulju 2011, għas-sentenza u fil-fatt tat is-sentenza fl-1 ta' Lulju 2011; it-tieni aggravju huwa fil-meritu u

jgħid illi *id quod disputandum est* kien il-bejgħ tal-intier tal-fond bil-prezz ta' mitejn elf lira (Lm200,000) ta' Malta u għalhekk l-ispejjeż kellhom jiġu intaxxati fuq dak l-ammont; it-tielet aggravju jgħid illi ma huwiex minnu dak li qalet l-ewwel qorti illi l-komproprjetarji dissidenti "kienu biss jew werrieta mhux magħrufa jew inkella msefrin", u li s-sehem ta' dawn il-komproprjetarji kien biss ta' żero punt wieħed sebgħa fil-mija (0.17%).

7. Fl-ewwel aggravju tiegħu r-Reġistratur igħid illi, wara li l-kawża kienet ilha wieqfa ħafna snin bla ma jsir xejn, fil-25 ta' Frar 2011 ġiet differita għat-30 ta' Ġunju 2011 "għall-kontinwazzjoni". Fit-30 ta' Ġunju 2011 l-avukat tar-Reġistratur ma setax jattendi "minħabba impenji fil-qorti f'Malta" u għarraf b'dan verbalment lid-deputat reġistratur, għalkemm dan il-fatt ma ġiex verbalizzat. Minkejja dan, fit-30 ta' Ġunju 2011 il-kawża ġiet differita għall-għada, l-1 ta' Lulju 2011, għall-provvediment u fl-1 ta' Lulju 2011 il-provvediment effettivament ingħata.

8. Ir-reg. 10 tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni [L.S. 12.09] igħid hekk:

> "10. (1) Kawża tista' tiġi differita f'ċirkostanzi eċċezzjonali biss jekk il-qorti tkun sodisfatta li jeżistu dawk iċ-ċirkostanzi u ssemmi dan fid-digriet li jordna d-differiment waqt li tispeċifika dawk iċ-ċirkostanzi, u biss jekk ikun sar rikors mill-parti li titlob id-differiment mhux aktar tard minn ħmistax-il jum tax-xogħol qabel il-jum tas-smigħ jew, jekk il-kawża tad-differiment tinqala' wara li jiskadi dan it-terminu, kemm jista' jkun malajr wara dan; u r-

> rikors għandu jispeċifika fid-dettall iċ-ċirkostanzi li jiġġustifikaw it-talba u għandu jiġi konfermat bil-ġurament mir-rikorrent jew, jekk ir-rikorrent ma jkunx f'Malta jew ma jkunx jista' b'mod ieħor jikkonferma r-rikors personalment, dan il-fatt għandu jiġi dikjarat fir-rikors."

9. Għalkemm impenn quddiem qorti oħra jista' jkun raġuni tajba għal differiment, dan l-impenn ma ntweriex li nħoloq proprju fit-30 ta' Ġunju 2011 filgħodu u għalhekk l-avukat tar-Reġistratur kien imissu mexa kif irid ir-regolament fuq imsemmi u mhux javża bil-fomm lid-deputat reġistratur dakinhar stess tas-seduta, li kienet ilha iffissata mill-25 ta' Frar 2011.

10. Barra minn hekk, l-art. 64 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li taħtu saret il-kawża biex jiġu intaxxati mill-ġdid l-ispejjeż ġudizzjarji, igħid illi kawża bħal dik "għandha tinbeda b'rikors li għandu jiġi trattat sommarjament mill-qorti".

11. F'dawn iċ-ċirkostanzi, ir-Reġistratur ma kellu ebda raġuni biex "jissorprendih" il-fatt li l-ewwel qorti mxiet kif trid il-liġi, u l-aggravju relativ, li hu x'aktarx fieragħ, huwa miċħud.

12. Ngħaddu issa għat-tieni aggravju li r-Reġistratur fissru hekk:

> "… … … jirriżulta illi l-ewwel onorabbli qorti kienet approvat – u ma kienet fl-ebda obbligu li tagħmel hekk – illi jsir il-bejgħ tal-fond in kwistjoni bil-prezz ta' Lm200,000 u għaldaqstant dan kellu jkun il-valur li jiġi adoperat għall-fini ta' tassazzjoni. Ir-raġunament tal-ewwel onorabbli qorti illi jekk it-tassazzjoni ssir fuq il-valur intier tal-immobbli ser jiġu preġudikati l-kompropjetarji li jista' jkollhom sehem minimu ma għandu l-ebda rilevanza legali għaliex il-kap tal-ispejjez seta' fl-ewwel proċedura jiġi akkollat lil dawk il-kompropjetarji dissidenti jew indifferenti kif iddeskriviethom l-ewwel onorabbli qorti, ġjaldarba, l-ewwel

> onorabbli qorti aċċettat illi l-prezz propost ma kien ser jirrekalhom l-ebda preġudizzju. M'hijiex raġuni leġittima illi minħabba l-*quantum* tad-drittijiet ġudizzjarji jiġu sovvertiti l-prinċipji tat-tassazzjoni: *se mai* għandu jkun hemm intervent leġislattiv *ad hoc* li ma sarx fil-każ odjern. Fi kwalunkwe każ, l-ewwel onorabbli qorti fis-sentenza tagħha tad-19 ta' Ġunju 2007 setgħet ikkundannat lill-intimati li jagħmlu tajjeb għad-dissidenza jew indifferenza tagħhom ġjaldarba ma kinetx ben fondata."

13. L-art. 495A tal-Kodiċi Ċivili, li taħtu saret il-kawża oriġinali, igħid illi l-qorti tista' "tawtorizza l-bejgħ" ta' proprjetà komuni minkejja n-nuqqas ta' kunsens ta' wħud mill-komproprjetarji. Dik l-awtorizzazzjoni iżda hija meħtieġa biss dwar is-sehem ta' dawk il-komproprjetarji li ma jkunux taw il-kunsens tagħhom, għax il-komproprjetarji li jridu jbigħu jistgħu dejjem ibigħu s-sehem mhux maqsum tagħhom mingħajr il-ħtieġa ta' ebda awtorizzazzjoni. Għalhekk, għalkemm il-motivazzjoni tal-ewwel qorti ma hijiex għalkollox konvinċenti, billi *adducere inconvenientem non est solvere casum*, madankollu din il-qorti taqbel mal-konklużjoni tal-ewwel qorti illi t-taxxa tal-ispejjeż ġudizzjarji għandha tinħadem biss fuq il-valur tal-kontestazzjoni.

14. Din il-qorti ma taqbilx iżda mal-ewwel qorti fejn din tgħid illi l-valur tal-kontestazzjoni kien biss ta' żero punt wieħed sebgħa fil-mija (0.17%) tal-intier. Il-kontestazzjoni inizjalment kienet fuq sebgħa punt deċimali żero wieħed fil-mija (7.01%) mill-intier, u kien biss waqt is-smigħ tal-kawża illi xi wħud mill-konvenuti aderew mat-talba biex baqa' kontestat biss iż-żero punt wieħed sebgħa fil-mija (0.17%). Għalhekk, waqt illi d-dritt sħiħ għandu

jinħadem fuq żero punt wieħed sebgħa fil-mija (0.17%) tal-valur tal-intier, l-ispejjeż tar-reġistru fuq il-bilanċ ta' sitta punt deċimali tmienja erbgħa fil-mija (6.84%) tal-intier jibqgħu dovuti iżda għandhom jitnaqqsu kif irid il-para. 5(1) tat-Tariffa A mehmuża mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u d-drittijiet tal-avukati fuq l-istess bilanċ għandhom jitnaqqsu kif iridu l-para 28 sa 31, kif ikun il-każ, tat-Tariffa E mehmuża mal-istess kodiċi.

15. F'dan is-sens biss għalhekk qiegħed jintlaqa' t-tieni aggravju.

16. It-tielet aggravju ġie mfisser hekk:

> "… … … kuntrarjament għal dak li qalet l-ewwel onorabbli qorti, m'huwiex minnu illi dawn il-kompropjetarji dissidenti "kienu biss jew werrieta mhux magħrufa jew inkella msiefrin" kif jirriżulta mis-sentenza tal-ewwel onorabbli qorti tad-19 ta' Ġunju 2007 fejn il-maġġjorparti tal-intimati huma indikati bin-numru tal-karta tal-identità ta' Malta u l-indirizz tagħhom f'Malta stess. Illi l-anqas m'hu minnu illi s-sehem ta' dawn il-komproprjetarji dissidenti jew indifferenti mill-fond *de quo* kien ta' 0.17% għaliex is-sentenza msemmija tad-19 ta' Ġunju 2007 imkien ma tgħid dan, anzi pjuttost il-kuntrarju kif jidher mill-ewwel paragrafu tad-*decide*."

17. Ma hijiex daqstant relevanti l-identità jew ir-residenza tal-komproprjetarji li ma tawx il-kunsens, jew jekk dawn kinux tassew "dissidenti" jew biss "indifferenti" jew mhux magħrufa. Il-fatt jibqa' illi kienet meħtieġa l-awtorizzazzjoni tal-qorti biex jinbigħ is-sehem ta' dawn. L-argument l-ieħor tar-Reġistratur illi s-sehem ta' dawk il-komproprjetarji ma kienx biss żero punt wieħed sebgħa fil-mija (0.17%) huwa biżżejjed trattat fil-konsiderazzjonijiet dwar it-tieni aggravju.

18. It-tielet aggravju huwa għalhekk irrelevanti.

19. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ordnat illi t-taxxa tinħadem mill-ġdid iżda tħassarha fejn ordnat illi tinħadem fuq żero punt wieħed sebgħa fil-mija (0.17%) tal-valur intier; tordna, minflok, illi t-taxxa tinħadem fuq sebgħa punt deċimali żero wieħed fil-mija (7.01%) mill-intier, b'dan illi d-dritt sħiħ għandu jinħadem fuq żero punt wieħed sebgħa fil-mija (0.17%) tal-valur tal-intier, waqt illi l-ispejjeż tar-reġistru fuq il-bilanċ ta' sitta punt deċimali tmienja erbgħa fil-mija (6.84%) tal-intier għandhom jitnaqqsu kif irid il-para. 5(1) tat-Tariffa A mehmuża mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u d-drittijiet tal-avukat u tal-prokuratur legali fuq l-istess bilanċ għandhom jitnaqqsu kif iridu l-para 28 sa 31, kif ikun il-każ, tat-Tariffa E mehmuża mal-istess kodiċi.

20. L-ispejjeż kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell jinqasmu hekk: parti minn għaxra ($^{1}/_{10}$) jħallasha r-Rikorrent u disa' partijiet minn għaxra ($^{9}/_{10}$) jħallashom ir-Reġistratur.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ld